MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 611/2011

**Joseph Azzopardi**

**Vs**

**Fogg Insurance Agencies Ltd[1] bhala rapprezentanti ta' Argus Insurance Company (Europe) Limited**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fl-24 ta' Gunju 2011, l-attur qieghed jitlob li l-kumpannija konvenuta tigi kkundannata thallsu ghall-hsara li sofra meta fl-4 ta' Dicembru 2007 nharqitlu l-vettura Mercedes numru GBG 243. Fid-data tal-incident il-vettura kienet assigurata mal-

[1] Korrezzjoni awtorizzat fis-27 ta' Settembru 2011 (fol. 20).

kumpannija konvenuta. L-attur ippremetta li dakinhar il-vettura kienet ipparkjata f'garaxx li jinsab biswit Triq il-Vittma tal-Gwerra, Hal Tarxien.

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-12 ta' Awissu 2011 l-konvenuta wiegbet:

1. In linea preliminari hi registrata ma' Malta Financial Services Authority bhala Fogg Insurance Agencies Limited u mhux kif dikjarat fir-rikors.
2. Fis-sena 2007 il-konvenuta harget polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive fir-rigward tal-vettura GBG243.
3. L-attur u ibnu ghamlu claim dwar incident li allegatament sehh fl-4 ta' Dicembru 2007 fejn il-vettura sofriet hruq waqt li kienet ipparkjata f'garaxx li jinsab fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Tarxien.
4. Fl-inkjesta kien gie konkluz li ghalkemm il-persuna responsabbli ma gietx identifikata il-provi kienu juru illi l-hruq tal-vettura kien wiehed kolpuz u mhux ta' natura accidentali.
5. Mill-provi l-konvenuta kkonkludiet li l-claim kien fabbrikat frawdolentement.
6. Ghalhekk il-konvenuta m'ghandix tigi obbligata li taghmel tajjeb ghat-talbiet tal-attur.

Wara rikors prezentat fl-20 ta' April 2012 sabiex jinghataw eccezzjonijiet ulterjuri, b'digriet moghti fit-23 ta' April 2012 il-qorti laqghet it-talba sabiex il-konvenuta tipprezenta twegiba ulterjuri li permezz taghha tecepixxi li l-attur m'ghandux interess guridiku.

Fit-twegiba ulterjuri l-konvenuta eccepiet:

1. L-attur m'ghandux interess guridiku.
2. Il-konvenuta m'hijiex obbligata li taghmel il-hlas ghaliex l-attur naqas milli jagixxi b'uberrima fides fil-konfront tal-assiguratur meta b'mala fede heba fatti materjali li jimpingu fuq ir-riskju u l-hrug tal-polza ta' assigurazzjoni.

Bi svista fid-digriet tat-23 ta' April 2012 il-konvenuta ma gietx awtorizzata taghti t-tieni eccezjoni minkejja li fir-rikors prezentat fl-20 ta' April 2013 it-talba kienet sabiex tinghata wkoll eccezzjoni tan-nuqqas tal-attur li jagixxi *b'uberrima fides*.

B'digriet moghti waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2013 il-qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u awtorizzat li jkun hemm inkluz l-eccezzjoni relatata mal-*uberrima fides*. Awtorizazzjoni bazata fuq 'il fatt li f'affidavit ta' Simon Paris, ufficjal tal-kumpannija konvenuta, ikkonferma li meta wiegbu ghall-kawza l-file relattiv ma kienx instab[2]. Fl-istess waqt il-qorti tat l-opportunita lill-attur sabiex fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2013 l-attur iressaq il-provi tieghu dwar din l-eccezzjoni. F'dik is-seduta xehed l-attur u inghalqu l-provi.

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti kollha li jinkludu nota ta' sottomissjonijiet tal-attur u noti tal-konvenuta.

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

i. Fit-13 ta' Novembru 2007 l-attur iffirma proposal form sabiex il-konvenuta tohrog polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura Mecedes 220 GBG-243.
ii. Fl-14 ta' Novembru 2007 il-konvenuta harget polza ta' assikurazzjoni f'isem l-attur fir-rigward tal-vettura Mercedes 220 GBG-243. Il-polza kienet valida sal-31 ta' Lulju 2008. L-attur biss kien assigurat bhala xufier, u l-istima tal-valur moghti mill-assigurat hu ta' Ewro 58,234.33.
iii. Fl-4 ta' Dicembru 2007 il-vettura, waqt li kienet ipparkjata f'garaxx li l-attur qal li jikri, inharqet.
iv. Saret il-claim fejn bhala xufier tal-vettura jissemma Clayton Azzopardi (fol. 49-52) u hemm il-firma tieghu hdejn il-kliem *"Signature of driver"* (fol. 52) bid-data tal-5 ta' Dicembru 2007.

---

[2] *"Meta fi Frar 2011, biddilna l-ufficini mill-Belt ghal Ta' Xbiex, kienu gew misplaced diversi files waqt il-process ta' trazlok. Minhabba f'hekk, meta gejna notifikati b'din il-kawza, ma kellniex file disponibbli u l-avukat kellha tirrispondi b'mod generiku."* (fol. 43).

v. Saret inkjesta magisterjali. Il-konkluzjoni kienet li persuna, mhux identifikata, tat in-nar lill-vettura.

Mill-process verbal tal-inkjesta magisterjali (fol. 26) jirrizulta li:-

- Il-hruq tal-vettura kien ta' natura doluza;
- Il-bieb tal-garaxx fejn kienet ipparkjata l-vettura kien sgassat;
- Kien jidher li mill-vettura kienu ttiehdu xi parts qabel tqabbad in-nar. Kien hemm nieqes il-bonnet u parafangu ta' quddiem;
- X'aktarx li l-vettura nghatat in-nar billi gewwa l-vettura ntefa' fuel likwidu;
- Jidher li kienet infethet il-bieba tan-naha tax-xufier u li din kienet thalliet miftuha.
- Waqt il-hruq jidher li l-bieb tal-garaxx kien thalla miftuh.
- Il-vettura hi *total loss*.

**<u>Interess guridiku</u>**.

Il-konvenuta issostni li l-vettura ma kenitx proprjeta tal-attur u ghalhekk m'ghandux interess guridiku sabiex jaghmel il-kawza.

Fl-ewwel il-qorti taqbel mat-tezi tal-konvenuta li l-oneru tal-prova qieghed fuq l-attur (ara nota tal-10 ta' Settembru 2013). Hu l-attur li jrid jaghti l-prova li ghandu nteress guridiku li jaghmel il-kawza odjerna. Oneru li jwettqu billi jaghti prova li huwa s-sid tal-vettura, li bhala tali jatih *insurable interest*.

Mill-provi rrizulta li:-

i. Il-polza ta' assigurazzjoni nharget f'isem l-attur.
ii. Hu minnu li iben l-attur, Clayton Azzopardi, xehed li l-vettura kienet registrata mal-awtorita fuq isem Paul & Rocco. Pero' 'l fatt l jkun ghadu ma sarx *transfer* ta'

vettura mal-awtoritajiet ma jfissirx li l-proprjeta' ma ghaddietx.

iii. L-attur akkwista l-vettura minghand certu Joe Debattista. Dan gie kkonfermat minn Debattista stess meta xehed fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2013. Minn din l-istess deposizzjoni jirrizulta li l-akkwist gie ffinanzjat mill-attur billi ttrasferixxa ghalqa fiz-Zejtun. L-attur ipprezenta kopja ta' kuntratt pubblikat fl-1 ta' Dicembru 2008 pubblikat min-nutar Dr Bartolomeo Micallef (fol. 132) li permezz tieghu ttrasferew ghalqa fiz-Zejtun lil certu Reuben Azzopardi. Il-qorti qeghda tifhem li Debattista assenja d-drittijiet tieghu lil terzi.

Il-qorti ssibha difficli tifhem kif illum il-konvenuta qeghda ssostni li l-attur ma kienx is-sid tal-vettura meta kienet hi stess li hargitlu l-polza ta' assigurazzjoni u kellha kull opportunita' li tivverifika min huwa l-proprjetarju tal-vettura. Apparti dak li nghad hawn fuq fil-fehma tal-qorti f'haga bhal din l-assigurazzjoni m'ghandix tibbaza biss fuq id-dikjarazzjoni ta' l-assigurat. Jekk ghall-assigurazzjoni hu daqstant importanti f'isem min tkun registrata l-vettura ghandha tizgura li meta persuna tmur l-ufficcju biex tohorg polza ta' assigurazzjoni tezigi li tara l-original tal-*logbook* u jekk hemm bzonn taghmel kopja tal-istess.

**<u>Nuqqas ta' l-attur li jagixxi *b'uberrima fides*.</u>**

Il-qorti kellha l-opportunita' tisma' lill-attur u lill-ibnu Clayton Azzopardi jaghtu x-xhieda taghhom, u m'ghandha l-ebda dubju li l-vettura nxtrat ghal Clayton Azzopardi. F'dan ir-rigward:-

i. Kien Clayton Azzopardi li nnegozja l-akkwist tal-vettura ma' Joseph Debattista. Inoltre hu ghazilha[3]. Fil-fatt Clayton Azzopardi u Joseph Debattista ffirmaw skrittura fejn jinghad:-

*"Jiena Joe Debattista*

[3] *"Kien Clayton li ghazel il-karozza… …"* (l-attur fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2012).

*qijad inpartat Mercedes Bin-number GBG243 ma Ghalqa iz-Zejtun u ha inzid somma ta' 20elf li ha jithalsu zmin sena mil-lum. Jekk insibu xi problem……"* (fol. 56).

ii. L-attur stess xehed: *"Mistoqsi jekk hux minnu li l-karozza xtrajniha ghal Clayton imma li qieghda fuq ismi, nghid li **iva hekk hu**."* (enfazi tal-qorti, seduta tat-8 ta' Marzu 2012). Sahansitra lanqas biss ma kien jaf il-mudell tal-vettura li xtara u d-daqs tal-magna. Inoltre l-attur ikkonferma li l-vettura kien ghazilha ibnu. Fatturi li jkomplu jsahhu l-fehma tal-qorti li l-vettura giet akkwistata ghall-ibnu. Dan minkejja li l-attur baqa' jinsisti li l-vettura hi proprjeta' tieghu.

iii. Irrizulta li l-vettura kienet tinstaq minn Clayton Azzopardi.

Jirrizulta li l-attur ma kienx gharraf lill-assigurazzjoni li l-vettura ser ikun qieghed isuqha Clayton Azzopardi[4]. Fil-*proposal form* (fol. 45), datata 13 ta' Novembru 2007, hemm dawn id-domandi:-

*"Have you or any other person(s) who will be driving:*

*5. been prosecuted or convicted of any offence in connection with any motor vehicle or is any such prosecution pending ?*

*6. been convicted of criminal offence of any kind or is such prosecution pending ?"*.

It-twegiba li ta l-attur hi **"le"**.

F'dik il-parti tal-formola fejn suppost jinghataw dettalji tal-persuna li ser tkun qeghda ssuq il-vettura, jissemma biss l-attur. Madankollu f'parti ohra tal-formola ghad-domanda jekk il-vettura kenitx ser tinstaq ghal "business purposes by any other person ?" it-twegiba hi *"iva"*.

[4] *"Nikkonferma li lill-insurance ma kontx ghidtilhom li l-karozza ser isuqha Clayton."* (seduta 8 ta' Marzu 2012).

Irrizulta li meta harget il-polza ta' assikurazzjoni Clayton Azzopardi kellu proceduri kriminali pendenti kontra tieghu. Fil-fatt hu stess xehed:

*"Nikkonferma li jien kelli kaz il-Qorti u dan kien inqata'. Meta missieri kien xtara il-karozza, jien kelli diga' il-kaz il-Qorti. Il-kaz inqata' f'Ottubru li ghadda. Mistoqsi jekk kellix kaz wiehed jew tnejn nghid li bizibilju kelli kaziijet imma kollha fuq cucata."* (seduta tat-8 ta' Marzu 2012).

Kien fl-istadju tan-nota ta' sottomissjonijiet li l-konvenut tat taghrif dwar il-kazijiet li kellu Clayton Azzopardi:-

i. **<u>Pulizija vs Clayton Azzopardi</u>** (346/2006) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Mejju 2009. Is-sentenza giet appellata (appell numru 166/2009 u 179/2009) u l-Qorti tal-Appell tat sentenza fil-25 ta' Ottubru 2012. Il-kaz kien jitratta pussess u traffikar ta' droga eroina. Il-Qorti tal-Appell ikkundannat lil Clayton Azzopardi ghal sena prigunerija wara li hassret dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti li lliberatu ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni dwar traffikar;

ii. **<u>Pulizija vs Clayton Azzopardi</u>** (854/2006) deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Ottubru 2011. Is-sentenza giet appellata (appell numru 423/11) u l-Qorti tal-Appell tat sentenza fil-11 ta' Dicembru 2012. Il-kaz kien jitratta pussess u traffikar ta' eroina u kokaina u pussess ta' cannabis fl-10 ta' Awissu 2006 u fil-hames xhur precedenti. Il-Qorti tal-Appell varjat is-sentenza tal-ewwel qorti fis-sens li lliberatu mit-tielet u raba' imputazzjoni u minflok tlett snin prigunerija kkundannatu ghal sentejn u tmien xhur;

Min-numru li ghandhom il-kawzi hu evidenti li kienu diga' pendenti meta mtliet il-*proposal form*.

Gialadarba l-qorti hi moralment konvinta li l-vettura giet akkwistata ghall-uzu ta' Clayton Azzopardi, l-attur kellu d-dmir li jgharraf lill-kumpannija assiguratrici li l-vettura

kienet ser tinstaq minn ibnu kif ukoll dwar il-proceduri kriminali li kellu ibnu. Fil-*proposal form* kien hemm domanda specifika dwar dan. Madankollu l-attur volontarjament ghazel li jahbi dawn il-fatti. Wiehed jista' jargumenta li sa dak il-mument Clayton Azzopardi kien ghadu prezunt innocenti. Fil-fehma tal-qorti dan 'il fatt ma jfissirx li l-assigurat ma kellux obbligu li jgharraf lill-assiguratur meta tqies:-

i. In-natura tal-akkuzi;
ii. Fir-rigward tal-kaz 346/2006 Clayton Azzopardi nstab fil-pussess tad-droga. Irrizulta li l-kwantita ta' droga li nstabet ma kenitx zghira u kellha valur ta' 1,869.30 ewro;
iii. Fir-rigward tal-kaz 854/2006 kien ammetta li jaghmel uzu mill-eroina u cannabis u li kien hemm okkazzjonijiet meta biegh.

Hi wkoll il-fehma tal-qorti li dawn il-fatti[5] kienu materjali meta l-assigurazzjoni tigi biex tqies jekk ghandix tohrog polza ta' assikurazzjoni. Tant hu hekk li fil-*proposal form* kien hemm domanda cara dwar dan. L-attur kien jaf li l-vettura kien ser isuqha ibnu izda liberament ghazel li ma jatix taghrif. Il-konsum tad-droga hu fih innifsu fatt materjali meta tikkunsidra li jista' jimpingi fuq l-abilita' tax-xufier biex isuq vettura.

Fuq bazi ta' probabilita l-attur kien jaf li ibnu, li akkumpanjah meta mar jaghmel il-polza, u li kien ser ikun qieghed isuq il-vettura kellu l-imsemmija proceduri kriminali pendenti. L-attur kellu d-dmir li lill-kumpannija assiguratrici jgharrafha b'dawn il-fatti.

**<u>Min haraq il-vettura</u>**.

Fin-nota ta' sottomissjonijet il-konvenuta tipponta subghajha lejn il-familja Azzopardi u ssostni li l-claim hu frawdolenti (eccezzjoni numru 5). F'dan ir-rigward il-piz tal-prova qieghed fuq il-konvenuta.

---

[5] Li l-vettura ser tkun qeghda tinstaq minn Clayton Azzopardi u li kellu zewg kawzi pendenti kontra tieghu relatati ma' pussess u traffikar ta' droga.

Jidher li s'issa l-pulizija ghadha ma identifikatx il-persuna li harqet il-vettura.

Clayton Azzopardi xehed:

*"Meta jien dahhalt il-vettura fil-garaxx nghid li sakkarta peress li kienet bis-central locking u sakkar ukoll il-bieb bil-katnazz u serratura."* (fol. 53).

Verzjoni li kien diga' ta fl-inkjesta magisterjali u kkonferma li c-cavetta kien hadha mieghu[6].

Fir-rapport li ghamel Profs. Alfred Vella, nominat fl-inkjesta magisterjali bhala espert dwar nirien, irrelata:

*"Kien jidher li xi hadd kien zgassa l-bieb tal-garaxx biex dahal fil-post. Mill-karozza jidher li ttiehdu xi parts qabel inharqet: fost affarijiet ohra, jidher li kien hemm nieqes il-bonnet u l-parafangu ta' quddiem taghha.*

*Il-vettura x'aktarx li giet incendjata billi fil-kabina taghha ntefa' xi fuel likwidu biex iservi bhala accelerant u wara dan gie moghti n-nar.*

*L-arsonsit jidher li fetah u halla miftuha l-bieba tas-sewwieq fil-kabina u x'aktarx li l-accelerant iddahhal fil-post min din in-naha tal-vettura."*.

Fl-istess rapport jinghad li:-

i) *"…il-bieba tas-sewwieq kienet miftuha filwaqt li l-bibien l-ohrajn kienu maghluqin u ggamjati fil-post."*.
ii) *"il-hgieg kollu tal-kabina kien daghab u nqala minn postu"*[7].

Meta l-Professur Vella xehed quddiem din il-qorti qal li ma kienx jidhirlu li fil-vettura kien sab sinjali ta' sgass; *"Li*

---

[6] *"Il-bieba sakkartu bic-cavetta u katnazz filwaqt li l-karozza sakkarta wkoll u hadt ic-cavetta mieghi"* (fol. 79).

[7] Ghalkemm Clayton Azzopardi xehed (8 ta' Marzu 2012) li l-espert tal-qorti qal li *"…. Kissru l-hgiega u harqu il-karozza"*, dan m'huwiex verosimili meqjus dak li ddikjarat Profs. Vella.

*kieku osservajt sinjali ta' sgass fil-vettura il-probabilita' hi li kont nissenjalah fir-rapport."* (seduta tal-25 ta' Jannar 2013).

Xehed ukoll Mario Buttigeg, investigatur inkarigat mill-konvenuta. Dan ikkonferma li ra l-vettura mahruqa u *"[….] ma giex osservat ebda tip ta' sgass ta' xi bieba."* (fol. 109).

L-attur ma rribattix ghal dawn il-provi u lanqas ma offra spjegazzjoni kif persuna li ma kellha x'taqsam xejn mieghu, seta' kellha access ghal gewwa vettura msakkra u tefghet likwidu li jservi bhala accelerant ghan-nar, meta:-

i. Skond il-verzjoni li ta ibnu, li kien l-ahhar persuna li ghamel uzu mill-vettura qabel inharqet, il-vettura kienet imsakkra;
ii. Fil-vettura ma kienx hemm sinjali ta' sgass.

Ghalkemm jirrizulta li kien hemm sinjali ta' sgass fil-bieb tal-garaxx, dan ma jeghlibx il-fatti fuq imsemmija. Hu verosimili li min kien ser iwettaq dan ir-reat, jekk kellu x'jaqsam mal-vettura kien ser johloq aspett ta' sgass fil-bieb tal-garaxx fejn kien hemm il-vettura.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur qal 'l fatt li fil-vettura ma nstabux sinjali ta' sgass m'huwiex stramb; *"Seta' l-malvivent kisser wahda mit-twieqi tal-vettura u fetah il-bieb b'dan il-mod qabel ma qabbad il-vettura ?"*. Pero prova ta' dan m'hemmx. Anzi fir-rapport tal-Professur Vella jinghad: *"Il-hgieg kollu tal-kabina kien daghab u nqala minn postu"*. F'wiehed mir-ritratti esebiti mill-kuntistabbli Matthew Parnis[8] sahansitra tidher il-vettura u l-hgieg tal-bieba in-naha tax-xufier tidher li ghadha f'postha. Din hi l-istess bieba li nstabet miftuha. L-attur isaqsi wkoll: *"Seta wiehed jaccerta ruhu li ma kienx hemm sgass f'vettura li kwazi kwazi ma tingharafx ?"*. L-attur qieghed jipprova jitfa' d-dubju fuq dak li ddikjara l-espert tekniku u Mario Buttigieg. Pero' ma ressaq l-ebda prova teknika li m'huwiex possibbli li tistabbilixxi kienx hemm

[8] Il-qorti qeghda timmarkah bl-ittra "A".

sgass fil-vettura in kwistjoni. Il-qorti trid tibbaza d-decizjoni fuq fatti u mhux supposizzjonijiet.

Certament li m'huwiex facli li f'kazijiet bhal dawn ikollok prova. Pero' qeghdin fil-kamp civili. Kif inghad fil-kawza citata mill-konvenuta[9]: *"f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika"*.

Meqjusa dawn ic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-konvenuta tat prova li dan hu kaz ta' *insurance fraud*.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni ezawrita;**

**2. Tichad l-ewwel eccezzjoni ulterjuri bl-ispejjez kontra l-konvenuta;**

**3. Tilqa' t-tieni eccezzjoni ulterjuri;**

**4. Tilqa' l-hames eccezzjoni; u**

**tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] **Emanuel Ciantar vs David Curmi nomine** deciza mill-Prim'Awla (Imhallef P. Sciberras) fit-28 ta' April 2003.